VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 10 tal-2016

ATT DWAR IL-FORZI ARMATI TA' MALTA
(KAP. 220)
Regolamenti tal-2016 li Jemendaw ir-Regolamenti dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tal-Forzi ta' Riżerva Invidwali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 tal-Att dwar il-Forzi Armati, il-President ta' Malta għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2016 li jemendaw ir-Regolamenti dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tal-Forzi ta' Riżerva Individwali u dawn għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tal-Forzi ta' Riżerva Individwali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 220.08

Emenda tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fis-subregolament (1) tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, wara t-tifsira "forza" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Forzi ta' Riżerva ta' Voluntieri" tfisser il-Forzi ta' Riżerva ta' Voluntieri (VRF) skont ir-Regolamenti dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forzi ta' Riżerva ta' Voluntieri;".

Emenda tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol il-proviso li ġej:

"Iżda li membri tal-Forza ta' Riżerva Individwali jistgħu jkunu wkoll parti mill-Forzi ta' Riżerva ta' Voluntieri u n-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forzi ta' Riżerva tal-Voluntieri għandhom *mutatis mutandis* f'dan il-każ japplikaw.".

Emenda tar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"8. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 36 ta' l-Att, il-membri tal-Forza ta' Riżerva Individwali jistgħu jkunu meħtieġa li jagħmlu taħriġ minimu li mill-inqas ikun jikkonsisti f'erbat ijiem fis-sena u li jkun jikkonsisti f'taħriġ ta' ħila fl-użu ta' armi bażiċi, aġġornament fil-ħila *special-to-arm* jew taħriġ ieħor speċjalizzat.".

VERŻJONI ELETTRONIKA

Emenda tar-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

5. Is-subregolament (3) tar-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(3) Dawk l-uffiċjali u l-irġiel tal-forza li ma jkunux jistgħu jidħlu għax-xogħol minħabba f'xi mard jew feriment jistgħu jiġu invistati minn uffiċjal mediku matul il-ħinijiet tax-xogħol.".